MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 591/2003

**Joe Galea**

**vs**

**Victor Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fl-1 ta' Dicembru, 2003 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi
(1) prevja li din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-artiklu "Jipprova jbigh tadam importat mill-Pitkalija" ppublikat f'pagna 4 tal-"mument" tal-Hadd 9 ta' Novembru, 2003 (Dok. A) li tieghu l-konvenut hu l-editur registrat, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur;
(2) ghall-hlas lill-attur dik is-somma li tigi ffissata minn din il-Qorti bhala danni ghall-malafama kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-artiklu mhux libelluz billi jammonta ghal ‘fair comment’ dwar fatti sostanzjalment korretti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda libel allegatament maghmul mill-konvenut fil-pubblikazzjoni tal-harga tal-gurnal “Il-Mument” tal-Hadd 9 ta’ Novembru, 2003, fejn gie allegat illi l-attur importa kwantita ta’ tadam minn barra u pprova jbieghu mill-pitkalija bhala tadam imkabbar Malta. Il-konvenut qed jeccepixxi li l-artiklu mhuwiex libelluz izda biss *fair comment*.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi ghall-habta tas-6 ta’ Novembru, 2003 l-attur u siehbu Joseph Attard, illi huma bdiewa u li ghandhom l-ghelieqi u s-serer taghhom il-Mellieha, dahhlu kwantita’ ta’ tadam ghall-bejgh fil-pitkalija ta’ Ta’ Qali. Il-Pitkalija hija maghmula minn zewg oqsma partikolari, wahda hija tal-Gvern u l-ohra tal-Ko-Operattiva u l-attur ipprezenta t-tadam tieghu fil-pitkalija tal-Koperattiva fejn kien hemm suspett illi parti mit-tadam seta’ kien impurtat u ghalhekk twarrab sakemm jibdew l-investigazzjonijiet.

Jinghad mill-bidu nett li t-tadam pprezentat ghall-bejgh kien tajjeb ghall-konsum u ma kellu xejn hazin, pero’ peress illi seta’ kien impurtat, dan il-fatt seta’ kellu effett fuq is-sussidju li Malta kienet tircievi mill-Unjoni Ewropea. Ghalhekk kien importanti li t-tadam ikun selezzjonat bejn dak illi huwa mkabbar lokalment u dak impurtat. Kien ghalhekk illi l-Gvern ordna rapporti minn Peter Agius,

Principal Agricultural Officer, u Frans Sammut, Manager fil-pitkalija, peress illi l-attur u Attard it-tnejn cahdu illi huma pprezentaw tadam impurtat.

Peter Agius, Principal Agricultural Officer mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura, a folio 18 xehed illi hu u Frans Sammut raw xi kaxxi ta’ tadam fil-mahzen tal-Ko-operativa. Kien jidher illi kien hemm zewg tipi ta’ tadam, wiehed misjur, ahmar, ta’ l-ghanqud u l-iehor nej. Kien jidher car illi dawn iz-zewg tipi kienu mkabbra b’mod differenti u ghalhekk ressaq ir-rapport a fol. 22 tal-process. F’dan ir-rapport Agius ma jghidx definittivament li t-tadam kien impurtat, pero’ jaghti wiehed x’jifhem illi dana seta’ kien il-kaz meta huwa ddeskriva b’mod tekniku d-differenzi illi kien hemm fit-tadam.

Fil-Qorti pero’ Agius ta nformazzjoni aktar dettaljata u kategorika, tant hu hekk illi a fol. 19, irrizulta illi, “Mistoqsi mill-Qorti jekk il-fatt li t-tadam huwa mkabbar b’mod differenti jfissirx illi dana seta’ gie mkabbar barra minn Malta, nghid illi m’ghandix prova xjentifika ta’ dan, pero’ mill-esperjenza tieghi nghid li iva.” Agius kompla sostna l-konkluzjoni tieghu meta qal ukoll, “Naf illi l-attur ghandu s-serer u naf bhala fatt illi dakinhar tadam ghall-*harvesting* fis-serer l-attur ma kellux.”

Agius spjega illi xogholu hu illi jdur ma’ Malta kollha u jaf x’qeda tipproduci u jaf minghand min. Is-serer ta’ l-attur kienu jidhru mit-triq u ghalhekk ma kellux ghalfejn jidhol jarahom u kien cert ukoll illi t-tadam illi spezzjona fil-Pitkalija kien tadam tas-serer.

Il-konkluzjoni ta’ Agius hija korroborata b’dik ta’ Frans Sammut fejn ipprezenta r-rapport tieghu a fol. 27. Dan ir-rapport huwa simili hafna ghal dak ta’ Agius fejn jghid fost affarijiet ohra illi, “A good percentage of the tomatoes seemed to have been picked much earlier than the rest, since both the calyx and the leaves were almost dry while the rest were still green and fresh. Besides these tomatoes were very similar to tomatoes imported lately.”

Fl-ahhar xehed Klement Azzopardi, il-president tal-KO-Operattiva tal-Bdiewa, fejn dan ukoll wara li ra t-tadam gewh dawn is-suspetti u kien ordna li t-tadam jitwarrab sakemm jigi accerat il-provenjenza tieghu.  Kien jaf illi l-attur kien qed jimporta l-frott minn barra u kien jaf ukoll illi ricentement kien importa kwantita’ kbira ta’ tadam.

Minn naha tieghu, l-attur kompla nnega illi huwa ressaq tadam impurtat u qal illi l-artiklu huwa libelluz ghax jaghti l-impressjoni li ried jaghmel hsara lill-Partit Nazzjonalista. Fil-fatt qal ukoll illi baghtu ghalih il-Pulizija, izda ma jaf x’irrizulta mill-investigazzjonijiet taghhom.  Zgur illi ma tressaqx il-Qorti u ma saret l-ebda komunikazzjoni mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura dwar it-tadam minnu mressaq fil-Pitkalija.

Ikkunsidrat:

Ladarba l-konvenut eccepixxa *fair comment* kien kompitu tieghu jipprova illi l-kontenut ta’ l-artiklu huwa korrett.  Dan qalitu l-Qorti fil-kawza Anglu Fenech pro et noe vs Anthony Montanaro deciza fil-21 ta’ Jannar, 1993, fejn iddikjarat li l-konvenut kellu l-obbligu li jistabilixxi l-fatti veri u kompleti ghall-gustifikazzjoni tal-kummenti tieghu.

Peress illi din il-kawza hija wahda civili, l-oneru tal-provi m’ghandux ghalfejn ikun minghajr ebda dubju bhal fil-kaz tal-kriminal, izda bizejjed jirrizulta illi l-fatti huma probabbilment veri.  Dan wkoll gie stabbilit diversi drabi mill-Qrati taghna per ezempju fil-kawza Onor. Alfred sive Freddie Micallef vs Victor Camilleri deciza fil-31 ta’ Mejju, 2002, fejn inghad car u tond li ma jistax ikun hemm *fair comment* jekk il-fatti dikjarati fl-artiklu ma kienux sostanzjalment korretti.

L-istess Dr E. Fenech Adami vs Dr Alfred Sant Appell deciz fid19 ta’ Mejju, 2003, fej gie dikjarat l-opinjoni setghet tkun *fair comment* anki jekk mhux ezatta jew pregudikata.

Il-Qorti ghalhekk tasal ghall-konkluzjoni illi sakemm il-fatti kif riportati huma sostanzjalment korretti, l-konvenut jista' jeccepixxi *fair comment* b'success.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond tar-rizultanzi fuq imsemmija, l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi mehud in konsiderazzjoni l-fatti li l-editur kellu quddiemu, dan seta' ragenevolment jasal ghall-konkluzjoni li dawk moghtija lilu kienu sostanzjalment korretti.  Minkejja illi mkien ma hemm dikjarat b'mod ufficjali illi parti mit-tadam kien impurtat, l-indikazzjonijiet huma kollha hekk.  il-Qorti toqghod fuq ix-xhieda ta' Peter Agius, tekniku mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, fejn bla ebda tlaqliq iddikjara illi bl-esperjenza tieghu xi whud mit-tadam imressaq fil-Pitkalija dak inhar kien impurat.

Id-differenza fil-prodotti kienu cari u hawn ukoll il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li probabbilment dak illi qal Agius huwa minnu.  Aktar u aktar illi fiz-zmien illi l-attur u Attard ressqu l-prodotti taghhom, fis-serer huma ma kellhomx tadam lest ghall-*harvesting*.  Allura l-konkluzjoni logika hija illi dak it-tadam ingab minn barra.  Inghad mill-bidu nett illi b'dan u l-attur u Attard ma ghamlu xejn hazin peress illi t-tadam kien tajjeb ghall-konsum u d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ma zammx it-tadam minhabba l-kwalita' tieghu, izda biss minhabba l-provenjenza.

Il-Qorti wkoll ma tridx tinsa l-atmosfera li kienet tirrenja dak iz-zmien li gie ppubblikat l-artiklu meta Malta kien ghar-*run-up* tar-referendum dwar id-dhul ma' l-Unjoni Ewropea li kienet kwistjoni tahraq hafna, dibattitu haj ghaddej mall-pajjiz kollu.  Fil-fatt l-attur kien wera' l-fehma tieghu illi mad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea l-prodott Malti kien ser ibati u ghalhekk huwa kien skjera ruhu mall-kamp illi kien kontra li Malta tidhol fl-Unjoni Ewropea, haga illi huwa liberamnent seta' jaghmel fil-process demokratiku ta' l-ghazla libera tal-poplu Malti.

Ghalhekk, il-Qorti filwaqt illi ma ticcensurax lill-attur tal-puzizzjoni illi ha, u l-anqas talli mporta frott mill-esteru, minn naha l-ohra lanqas ma ticcensura lill-konvenut ghall-

artiklu minnu ppubblikat, dan l-ghaliex il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi mill-fatti illi kellu quddiemu l-konvenut seta' ragonevolment wasal ghall-konkluzjoni illi t-tadam imressaq mill-attur u Attard kien gie minn barra, ghalhekk kien liberu li jaghmel il-kummenti tieghu fuq dan il-fatt, kummenti li din il-Qorti ma jidhrilhiex illi huma malafamanti fil-kuntest ta' l-informazzjoni illi kellu l-konvenut.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------